# Programm ta'
# Arti fi Spazji Pubbliċi

2019 – 2021

# Humanity in Glory

## Sonny Gatt

**In-Naxxar**



L-installazzjoni tippreżenta wiċċ uman biex turi l-importanza tal-preżenza tal-bniedem fid-dinja. Għalkemm aktar ma jgħaddi żmien il-bniedem qed jaffaċċja problemi u diffikultajiet differenti, hu jkompli għaddej b’mod persistenti biex jegħleb u jwarrab kull ostaklu.



# Diversità

## Mario Sammut

**Marsaskala**



Din tippreżenta l-popolazzjoni li kibret u ddiversifikat f’Marsaskala, waqt li fl-istess ħin din il-popolazzjoni aċċettat lil xulxin u qed tgħix f’armonija flimkien.

Filwaqt li turi sitt figuri magħqudin flimkien, tagħti lemħa ta’ stil neolitiku biex tissimbolizza li sa mill-qedem, l-antenati tagħna, għalkemm diversi u minn kulturi differenti, dejjem għarfu kif jgħixu f’armonija flimkien għall-ġid ta’ xulxin






# Olive Twist

Rune Bo Jakobsen

**Iż-Żejtun**




Din l-installazzjoni artistika hija ispirata mit-tkabbir organiku u l-moviment u t-tidwir tas-siġar taż-Żebbuġ antiki li għandhom għeruq fondi fil-kultura taż-Żejtun.

Tfakkarna wkoll fis-sengħa tradizzjonali u antika tal-filligranu tal-fidda Maltija.




# The Wave of Life

Charles Zammit

**Ħad-Dingli**




L-installazzjoni tippreżenta it-tlugħ u l-inżul tal-ħajja u hija magħmula minn ġebla waħda maghrufa bhala 'Pietra di Lecce'. L-uċuħ tal-iskultura huma llustrati, ħalli mbagħad in-natura tagħmel xogħolha. Dan ikun ifisser li fil-ħajja kollox jibda' frisk u ġdid imma waqt liż-żmien jibda' għaddej u jħalli l-marki tiegħu, iċ-ċiklu tal-ħajja jagħmlek iżjed sod, matur u tiflaħ għall-isfidi.



# The Passage of Time

Stephen Saliba

**Pembroke**



L-artist huwa ispirat effetti taż-żmien fuq in-natura, il-bniedem u l-kreazzjonijiet tiegħu.

Waqt li tgħaddi minn struttura ta' sensiela ta' gwarniċi kbar tal-metall imsadad u mdawwar b'siġar taż-żebbuġ maturi mħawla apposta, issib ruħek quddiem it-torri storiku ta' żmien l-Ingliżi tal-arloġġ ta' Pembroke.

In-natura u l-arti huma l-istess peress li jikkumplimentaw u jikkuntrastaw lil xulxin f'din l-eko-installazzjoni.